



# Ir-Rotunda tal-Mosta f'jum il-Għid tal-Verġni Marija Assunta, Patruna Glorjuża tal-Mostin

*Is-Sur Joe Chetcuti - Preżentatur tal-Programm 'Marċi u Bandalori' fuq Radio 101*

Ftit tas-snin ilu il-parroċċa tal-Mosta ċċelebrat kif jixraq it-tifkira ta' meta 400 mitt sena ilu twaqqafet bħala parroċċa għaliha. Sewwasew nhar is-16 ta' Settembru 1608 wara żjara pastorali, l-Isqof Tumas Gargallo, fired il-Mosta mill-parroċċa tan-Naxxar u waqqaf f'parroċċa għaliha dik tal-istess knisja qadima ta' Santa Marija Assunta li kienet ilha mwaqqfa fil-Mosta sa mis-seklu ħmistax. Dik il-knisja l-qadima kienet iddestinata sabiex tkun l-ewwel knisja parrokkjali tal-Mostin. Fl-1575 id-Delegat Appostoliku Monsinjur Pietro Dusina ddeskriviha *'bħala wiesgħa u xierqa biżżejjed'* u għalkemm kien għadha mhix, sejħilha bħala knisja parrokkjali billi fiha kienu diġà jinżammu s-Sagramenti.

Intant minn diversi kitbiet li nkitbu matul iż-żminijiet mill-istoriku bravu Mosti s-Sur Joseph Borg, insibu dokumentat illi meta l-Mosta saret parroċċa wara li fl-1610 nħatar l-ewwel kappillan, il-Mostin bdew jaħsbu sabiex iwaqqfu it-tieni knisja parrokkjali li kellhom u li lestewha madwar l-1619 taħt l-arkitett wisq magħruf Tumas Dingli. Din il-knisja kien ikkonsagraha l-Isqof Pellerano nhar is-7 ta' April 1774 u kienet imżejna wkoll b'għadd ta' opri sbieħ li ħafna minnhom għandna nistgħu ngawduhom ġewwa l-knisja arċipretali li hemm illum. Minflok din il-knisja parrokkjali l-qadima, hemm illum ġewwa l-Mosta il-famuża knisja Rotunda, ħolqien tal-arkitett Malti George Grongnet de Vassè, monument tassew ta' mħabba u twemmin u fuq kollox santwarju għażiż tal-Verġni Marija Assunta.

It-tqegħid tal-ewwel ġebla tar-Rotunda sar proprju nhar it-30 ta' Mejju 1833. Il-bini tagħha ntemm mal-għeluq il-koppla ġgantija li l-prim bennej tagħha Mastru Anġ Gatt irnexxielu jtella' wara ħidma erojka ta' 27 sena min-naħa tal-Mostin.

Ir-Rotunda tbierket nhar it-18 ta' Frar 1860 u nhar il-15 ta' Ottubru 1871 ġiet ikkonsagrata sollennement mill-Isqof Gaetano Pace Forno. Fl-1888 din il-knisja monumentali tgħolliet għad-dinjità ta' knisja arċipretali. Fl-1913 kellha l-unur li tilqa' ġo fiha l-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Ġrajja tal-għaġeb kienet dik tad-9 ta' April 1942 meta bil-providenza divina u l-ħarsien ta' Marija Assunta, il-knisja ħelset mit-tiġrif u n-nies li kienu fiha mill-mewt, meta bomba Ġermaniża nifdet il-koppla matul l-aħħar Gwerra Dinjija. Fl-għodwa tat-22 ta' Settembru 1946 saret ġo dan is-Santwarju tal-Assunta, il-Petizzjoni Nazzjonali għad-Definizzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni tal-Madonna. Fl-10 ta' Awwissu 1975 seħħet fost il-ferħ kbir u enormi tal-Mostin l-inkurunazzjoni sollenni tal-kwadru titulari tal-Assunta, xogħol ta' Stefano Erardi fl-1678 fost festi kbar u memorabbli. Waqt li qed nikteb dan l-artiklu għadni u se nibqa' niftakar sewwa din il-ġurnata memorabbli li ma tista' tinsa qatt, fejn dakinhar jien kont abbati u kelli x-xorti kbira li ngħin fil-Quddiesa Pontifikali tal-Inkurnazzjoni.

Fost il-festi tal-Inkurunazzjoni, il-Kardinal Corrado Ursi kien libbes ċurkett prezzjuż f'wieħed mis-swaba tal-istatwa maestuża u devota tal-Assunta maħduma mill-ġdid mill-iskultur Ċensu Apap fl-1948 mill-istatwa oriġinali li kien ħadem il-Mosti Salvu Dimech fl-1868.

Jekk ir-Rotunda hija sabiha s-sena kollha, wisq iżjed tidher sabiħa fil-ġurnata għażiża tal-15 ta' Awissu jum Santa Marija meta tkun armata b'ħafna minn dawk l-opri li l-Mostin ma naqsu qatt li jagħmlu sabiex iżejnu tempju ta' din ix-xorta. Minn dan kollu li sar għat-tiżjin ta' din il-knisja arċipretali jidher ċar kemm il-Mostin (inkluż jien li jien Mosti) iħobbu il-Patruna glorjuża tagħhom. J'alla kif kienet fl-imgħoddi, il-Verġni Assunta tibqa' wkoll f'li ġej l-għaxqa tal-Mostin kollha.

